



2024/2011

23.7.2024

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/2011**

**tat-22 ta' Lulju 2024**

**li jimplimenta r-Regolament (UE) 2016/44 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/44 tat-18 ta' Jannar 2016 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 204/2011 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 21(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-18 ta' Jannar 2016, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2016/44.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 21(6) tar-Regolament (UE) 2016/44, il-Kunsill irrieżamina l-lista ta' persuni u entitajiet iddeżinjati li tinsab fl-Anness III ta' dak ir-Regolament.
- (3) Il-Kunsill ikkonkluda li jenħtieġ li jitħassru l-entrati għal persuna waħda, li mietet, u għal żewġ entitajiet, u jenħtieġ li jinżammu l-miżuri restrittivi kontra l-persuni u l-entitajiet l-oħra kollha fil-listi li jinsabu fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2016/44.
- (4) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2016/44 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness III tar-Regolament (UE) 2016/44 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidhrol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Lulju 2024.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. BORRELL FONTELLES

<sup>(1)</sup> ĠU L 12, 19.1.2016, p. 1.

## ANNEX

Ir-Regolament (UE) 2016/44 huwa emendat kif ġej:

- (1) fl-Anness III (“Lista ta’ persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmija fl-Artikolu 6(2)”), il-Parti A (“Persuni”), titħassar l-entrata 22 (dwar PRIGOZHIN, Yevgeniy Viktorovich);
  - (2) fl-Anness III (“Lista ta’ persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmija fl-Artikolu 6(2)”), il-Parti B (“Entitajiet”) hija emendata kif ġej:
    - (a) titħassar l-entrata 13 (dwar Ashton Global Investments Limited);
    - (b) titħassar l-entrata 15 (dwar Kinloss Property Limited).
-